# L-Isla u l-Bambina




**Romina Powell**
**B.A. (Hons) PGCE M.A (in Hospitallier Studies)**



Fin-nofs tal-Port il-Kbir, hemm ilsien t'art li hu mdawwar bil-baħar minn tliet naħat, probabbilment għalhekk kienet imsejħa l-Isla fil-bidu, għax kien hemm assimilazzjoni ma' gżira. Ġeografikament, l-Isla hija magħmulha tawwalija, dejqa u għandha żewġ għoljiet, waħda hekk kif tidħol u l-oħra tibda minn nofs tal-peniżola.

Malta sal-1530 kienet immexxija mill-Kuruna t'Aragona b'mod dirett. Din kienet wegħda li kien għamel ir-Re Alfons V permezz tal-Magna Carta, fejn wiegħed lill-Maltin li minn dak iż-żmien 'l hemm Malta kellha dejjem tibqa' taħt it-tmexxija diretta tar-Re. Ir-Re Karlu V mingħajr l-għarfien tal-Maltin, ta lil Malta b'kiri ta' falkun fis-sena lill-Ordni ta' San Ġwann li kienet sfat bla kunvent meta ġiet imkeċċija minn Rodi fl-1523. L-Ordni ma kinitx kuntenta b'din l-offerta għax xtaqet ħafna li jkollha art b'aktar riżorsi naturali. L-unika ħaġa li għenitha taċċetta kienet il-qagħda strateġika ta' Malta f'nofs il-Mediterran u l-portijiet fondi u kennija. Għalhekk mal-wasla tagħhom huma preferew li jagħmlu l-kunvent tagħhom f'post aktar viċin tal-port bħalma kien il-Birgu u l-Kastell Sant'Anġlu milli jmorru l-Imdina.



*L-Imperatur Karlu V, li ta lil Malta lill-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann*



*Il-Gran Mastru L'Isle Adam jieħu ċ-ċavetta ta' Malta*



*L-Isla kif tidher ġeografikament*

Din id-deċiżjoni waslithom biex idawru ħarsithom lejn l-Isla. L-ewwel Gran Mastru f'Malta, L-Isle Adam, ra dan l-ilsien t'art bħala post tajjeb biex wieħed jistrieħ, għalhekk kien hawn li bena villa fin-naħa li tagħti għax-xatt fejn iħares lejn Sant'Anġlu. Din il-villa kienet imsejħa *La Casa Magisteriale*.

Jingħad li l-Isla kienet art vojta għajr għal kappella żgħira dedikata lil San Ġiljan sa qabel il-wasla tal-Kavallieri f'Malta. Iżda dwar dan ma hemm xejn fiċ-ċert, tant li l-ewwel bini ċert tal-Knisja ddedikat lil San Ġiljan b'mod uffiċjali tmur lura għas-sena 1539 u nbniet fuq il-ġenerożità tal-Kavallier Fra Diegu De Malfreire li kien



*Il-Knisja ta' San Ġiljan li tinsab fil-belt tal-Isla*

ġej mil-lingwa Portugiża. Id-dedikazzjoni tal-knisja kif ukoll l-użu tal-Isla f'dak iż-żmien għandhom konnessjoni kbira, dan għaliex kienu l-Kavallieri li ħawlu ħafna siġar u kienu jużaw l-Isla bħala post tal-kaċċa għal għasafar żgħar. San Ġiljan huwa l-qaddis protettur tal-kaċċaturi, għalhekk wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li din il-knisja taf il-bidu tagħha f'dan iż-żmien u mhux qabel. Iżda din hija biss teorija għax fl-istorja jekk m'hemmx kitba u fatti ma tistax tispekola.



*Dragut Raïs - Kursar Ottoman*

Fl-1551 Dragut Raïs, Kursar tal-qawwa Ottomana, attakka lil Malta. Huwa attakka l-Imdina imma dan ma rendilux frott, għalhekk mar Għawdex u hemm għamel ħerba għax ma kienx protett biżżejjed. Huwa għamel ħerba kbira minn Għawdex, ħafna mietu jew inqabdu lsiera. Wara dan l-attakk Dragut attakka l-fortizza ta' Tripoli, li kienet taħt it-tmexxija tal-Kavallieri u din intrebħet minnu wkoll. Din inkwetat sew lil Gran Mastru D'Homedes u ried jara x'ħa jagħmel biex jassigura l-gżejjer Maltin kontra attakki oħra futuri. Huwa qabbad lill-Inġinier u Perit Pedro Pardo biex jiddisinja żewġ fortizzi waħda għall-ponta tal-għolja Xebb ir-Ras u l-ieħor għall-Isla. Il-forti kellu jinbena fuq l-ogħla parti tal-Isla, li tagħti għan-naħa ta' Kordin, kellu forma ta' stilla u minħabba li tlesta fit-8 ta' Mejju dan issemma San Mikiel, għax kienet jum il-festa tiegħu dakinhar.



*Il-Forti San Mikiel*



*Il-Gran Mastru Claude de la Sengle*

Meta laħaq il-Gran Mastru De La Sengle, xtaq li jipproteġi iktar is-sede tal-Ordni fil-Birgu għalhekk ried li jsaħħaħ iktar l-Isla. B'hekk ħaseb biex jibni ħitan ta' swar għoljin madwar l-inħawi li jħarsu lejn Kordin u l-Marsa. Hu kien benefattur tajjeb għal dan il-proġett biex seta' jsir. Dan waslu biex jorbot ismu ma dan l-ilsien tal-art. L-istess Gran Mastru għamel il-ħsieb li ssir pjanta għall-bini, kellha ssir forma ta' gradilja għal aċċess faċli minn naħa għal oħra f'każ t'attakk. Fiż-żmien Medjevali kienet ħaġa iktar komuni li t-toroq fl-ibliet jinbnew b' mod imserrep sabiex iħawdu lil dawk li setgħu jinvadu. Iżda f'dan iż-żmien tal-era moderna kien sar żvilupp fl-użu tal-armi għalhekk il-bżonn inbidel għal wieħed aktar dritt, sabiex b'ħeffa setgħu jivvjaġġaw minn post għal ieħor. L-art bdiet tingħata lill-Maltin b'ċens irħis. Tħaffer foss madwar is-swar biex jagħmel is-swar iktar jidhru għoljin. Il-ġebel li nqata' għall-foss intuża fil-bini tad-djar. Kien hemm ħafna xogħol xi jsir u ħafna minnu ried isir f'qasir żmien b'mod speċjali fejn jidħol swar. Dan il-bżonn wassal lill-Gran Mastru jagħmel sejħa għall-ħaddiema mill-irħula li kien hemm viċin biex jiġu mġiegħla jaħdmu fuq is-swar. Ix-xogħol kien isir lejl u nhar bil-ħaddiema jaħdmu bla ma jieqfu. Is-siġar li kienu tħawlu mal-wasla tal-Kavallieri f'Malta, ġew maqlugħa sabiex flokhom jinbnew id-djar. L-imtieħen li kien hemm

diġà fl-Isla kienu jaħdmu bir-riħ biss u l-Gran Mastru ried li dawn ikunu jistgħu jaħdmu anki f'każ li ma jkunx hemm riħ, għalhekk installa makkinarju fihom li jaħdmu wkoll bl-annimali. Saru wkoll fosos tal-qamħ fl-Isla biex ikun hemm post fejn jinħażen il-qamħ ħalli jkun hemm biżżejjed fi żmien fejn ikun skars. Il-fatt li saru l-fosos jurina li l-Isla kienet trattata daqs belt. Għalkemm il-Gran Mastru de La Sengle ma laħaqx l-Isla lesta minn kollox, huwa għadda ismu lil din il-Belt ġdida li bdiet tissejjaħ *Citta Senglea*.

Il-Gran Mastru li ġie warajh De Vallette kompla l-bini tas-swar, iżda mal-bidu tal-Assedju l-Kbir dawn is-swar ma kinux għadhom laħqu l-għoli mixtieq minn kullimkien għalhekk il-Gran Mastru ordna li jsiru arbli twal fil-qiegħ tal-baħar, bil-ktajjen madwarhom sabiex l-għadu jkun jista' jinżamm il-bogħod minn dawn is-swar. Saru pontijiet bejn l-Isla



*Il-Gran Mastru Juan Parisot de la Valette*



*L-attakk mill-għadu Ottoman fuq il-Forti San Mikiel fis-27 ta' Ġunju 1565*

u l-Birgu magħmulin minn għadd ta' dgħajjes ħdejn xulxin, kif ukoll saret katina li kienet tagħlaq id-daħla li tagħti għal Dockyard Creek. Skont ir-rakkont li nkiteb mill-Kavallier Balbi De Coreggio, il-forti San Mikiel kien imħejji sew għat-taqbid. Kien hemm drabi fejn kien se jaqa' għall-aħħar f'idejn l-għadu iżda qatt ma rnexxilhom jippenetraw il-ħitan tiegħu. Darba minnhom bdew iħaffru mina minn taħtu u kienu se jimlew din il-mina bil-porvli biex itajru l-forti minn taħt u jirbħuh, iżda dan il-pjan ma rnexxielhomx għax il-Maltin u l-Kavallieri fil-forti ndunaw x'kienu qed jagħmlu t-Torok u waqfuhom.

Fis-7 ta' Settembru tal-1565, waslet armata minn Sqallija biex tgħin fl-Assedju ma kinitx ħafna imma kienet għadha friska u lesta li tiġġieled. It-Torok bejn il-fatt li kienu għejjew, tilfu ħafna nies u riżorsi, kif ukoll kien dieħel ġmielu ż-żmien biex jirritornaw lura għax inkella jinqabdu f'xi maltempata, iddeċidew li jitilqu minn artna. Iżda meta rrealizzaw li l-armata li waslet kienet ħafna inqas milli ħasbu reġgħu taw l-aħħar salt, iżda kien kollu ta' xejn għax ħarġu telliefa għalhekk telqu lura lejn arthom b'mod immedjat. L-għada filgħodu, il-festa tat-twelid tal-Verġni Marija sebaħ bid-daqq tal-qniepen li ħabbru t-tmiem tat-taqbid. Il-Madonna kienet daħlet għall-Maltin u ħelsithom mill-għadu Mislem.



*Ir-rebħa tal-Assedju l-Kbir mill-Kavallieri ta' San Ġwann u l-Maltin*

L-Isla ma kienet intrebħet qatt u l-Gran Mastru De Vallette irregala t-titlu ta' *Civita Invicta* lill-Isla, li tfisser il-Belt qatt mirbuħa. Maż-żmien il-popolazzjoni tal-Isla kibret sew u beda jinħass il-bżonn li tinbena knisja oħra u ssir Parroċċa għaliha billi tinqata' minn dik tal-Birgu.



*Il-Knisja Parrokkjali tal-Isla qabel ma ġiet imġarrfa matul it-Tieni Gwerra Dinjija*

Fl-1581 l-Isla saret Parroċċa u nbniet knisja ikbar li ġiet iddedikata lit-Twelid tal-Verġni Marija u ssejħet il-Monument tal-Vitorja. Għalkemm il-festa tat-twelid tal-Verġni Marija kienet issir kull sena fit-8 ta' Settembru, sal-bidu tas-sena 1618, il-knisja parrokkjali ma kellha xejn li jirrifletti din id-dedika, lanqas il-kwadru titulari. Il-kwadru li kien hemm kien juri l-Madonna bil-Bambin f'idha, b'San Pawl u San Pietru maġenbha. Festi tal-qaddisin kienu jiġu ċċelebrati bir-relikwi f'dan iż-żmien jiġifieri l-istatwa għalkemm kienet tkun xi ħaġa mixtieqa, ma kinitx ħaġa komuni.



*Galjun tas-Seklu 16*

Mal-wasla tal-Bambina hemm marbuta storja ħelwa. Fis-seklu 16 kienu jinbnew xwieni kbar imsejħa galjuni. Dawn kienu jkunu magħmulin mill-injam u jkollhom għadd ta' mqadef, kif ukoll kienu jimxu permezz tal-qlugħ. Iż-żmien li wieħed fih seta' jbaħħar kien qasir; minn Mejju s'Ottubru, minħabba l-biżgħa tal-maltemp. Meta jiddaħħal fil-port ix-xini kien jiġi mnaddaf u jsirulu tiswijiet fejn ikun hemm bżonn. Fiż-żmien li kienu jdumu jbaħħru riedu jgħabbu fuqu dak kollu li jkollhom bżonn, fosthom kok biex isajjar, qassis għall-qadi spiritwali tal-baħħara u tabib. F'galjuni Nsara wieħed kien isib xbihat ta' qaddisin b'mod speċjali li għalih jew għaliha jkun ġie msemmi x-xini, kif ukoll xi artal. L-istorja tgħid li kien hemm galjun Nisrani li tfarrak ma' waħda mill-gżejjer




*L-inħawi ta' fejn jingħad li nstabet l-istatwa tal-Bambina*

ta' Dalmazja (fejn illum hemm il-Kroazja). Ħafna jgħidu li l-istatwa tal-Bambina kienet pulena, iżda kieku kien hekk kienet tkun bust u mhux statwa sħiħa, għalhekk iktar tagħmel sens li din kienet imwaħħla mal-poppa flok mal-pruwa. Fis-seklu 17 dawn il-gżejjer li tfarrak fuqhom ix-xini kienu kolonji tar-Repubblika ta' Venezja. Mill-inħawi tal-baħar Adrijatiku, kien għaddej xini tal-passiġġieri, taħt it-tmexxija ta' kaptan Awstrijak. Huwa lemaħ il-bċejjeċ tax-xini fil-wiċċ tal-ilma u magħhom ra xbieha tal-Verġni Marija. Peres li huwa wkoll kien Nisrani qattagħha li jiġborha u jħalliha fi knisja tal-ewwel port li jidħol bix-xini tiegħu, basta tkun ta' fidi Nisranija. B'xorti tajba l-art li kien qed iqarreb lejha dak il-ħin kienet Malta. Fuq ix-xini kien hemm żewġ passiġġieri mill-Isla; Lanzon u Tumbo. Dawn it-tnejn talbuh bil-ħerqa biex il-kaptan jirregala din l-istatwa lill-Knisja Parrokkjali tal-Isla għax kienet għadha ġdida u ma kellhiex statwa li tirrifletti t-titular. Il-kaptan sema' din it-talba u għalhekk irregala l-istatwa li kien sab lill-Kappillan Cosmo Talavera, li min-naħa tiegħu hu laqagħha b'ferħ kbir f'isem is-Sengleani kollha. L-istatwa kienet magħmula mill-injam u kienet miżbugħa, iżda ma kinitx toqgħod dritta b'mod indipendenti, għalhekk maż-żmien żiedulha l-globu biex tkun tista' toqgħod wieqfa. Fil-bidu kienu jirreferu għaliha taħt it-titlu tal-Immakulata, kien maż-żmien li mbagħad bdiet tissejjaħ il-Bambina. Fl-1631 l-Isqof Cagliares, ġie jagħmel viżta pastorali. F'dan iż-żmien il-viżti tal-isqfijiet kienu jkunu aktar frekwenti sabiex jaraw li kulħadd qed jimxi b'mod uniformi. Fir-rapport tiegħu jirreferi għall-istatwa li kienet diġà ġiet indurata bid-deheb u l-fidda u kellha raġġiera li żżejjinha. Jirrakkonta wkoll kemm is-Sengleani kienu devoti tagħha u li kienet ġiet impoġġija f'niċċa magħmula mill-injam u kellha forma ġejja għat-tond, kif ukoll li kellha fonti spazju li kien impitter u ndurat. Ċertu wieħed Nardu De Maria kien l-ikbar benefattur ta' dan l-artal fil-parroċċa u kien hu wkoll li jieħu ħsiebu.



*L-istatwa ta' Marija Bambina qabel ma ġiet inkurunata*

Illum aħna s-Sengleani qed nikkommemoraw dan l-avveniment b'tant ħeġġa; l-wasla tax-xbieha għażiża

t'Ommna Marija, li waslet fostna 400 sena ilu. Il-Mulej dak iż-żmien inqeda b'ċirkustanzi naturali biex waslilna x-xbieha t'ommu fostna, bla dubju ġawhra prezjuża li kull Sengléan għandu għal qalbu. L-istatwa hija importanti għax storikament turina kemm missirijietna kienu jħobbu l-Ommna Marija, issa hu sta għalina li mhux biss nitpaxxew bis-sbuħija tal-istatwa u nieqfu hemm, imma biex permezz tagħha nersqu iktar qrib ta' Ġesù. Nawgura s-Sengleani kollha festa mill-isbaħ.

**Biblijografija:**


Bonnici A. OFM.Conv., *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilika- Santwarju ta' Marija Bambina,* Vol. I, Twelid tal-Belt u ta' Parroċċa, Parroċċa tal-Isla, 1981.






Dan ir-riklam qed jidher hekk fuq talba tal-klijent

